

# **Linji gwida dwar is-submodulu tar-riskju ta' katastrofi tas-saħħa**

## Introduzzjoni

1.1. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea ("Ir-Regolament EIOPA")<sup>1</sup>.

L-EIOPA qiegħda tabbozza Linji Gwida dwar is-submodulu tar-riskju ta' katastrofi tas-saħħa. Dawn il-Linji Gwida huma relatati mal-Artikolu 105 (4) tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)<sup>2</sup>, kif ukoll mal-Artikoli 160 sa 163 u l-Anness VI tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni<sup>3</sup>.

1.2. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet superviżorji taħt is-Solvibbiltà II.

1.3. Dawn il-Linji Gwida għandhom l-għan li jiffaċilitaw prattiki konverġenti tul l-Istati Membri u li jgħinu l-impriżi jidentifikaw u jaħdmu b'mod xieraq il-kwantitajiet involuti fil-kalkolu tar-rekwiżit kapitali ta' katastrofi tas-saħħa f'każi u f'sitwazzjonijiet possibbli differenti.

1.4. Il-kalkoli sabiex jiġi ddeterminat ir-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju ta' katastrofi tas-saħħa għandhom ikunu konsistenti mat-tfassil u mal-kalibrar tax-xenarji sottostanti.

1.5. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jiffaċċjaw sitwazzjonijiet differenti skont il-karatteristiċi tal-prodotti tagħhom u tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali.

1.6. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida ġiet żviluppata d-definizzjoni li ġejja:

- "Pretensjoni unika" tfisser pretensjoni li ssegwi l-okkorrenza ta' avveniment partikolari wieħed għal persuna assicurata identifikata waħda.

1.7. Jekk mhumiex iddefiniti f'dawn il-Linji Gwida, it-termini jkollhom it-tifsira ddefinita fl-atti legali msemmija fl-introduzzjoni.

1.8. Il-Linji Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2015.

### **Linja Gwida 1 – Dispożizzjonijiet ġenerali għall-kalkolu tal-allokkazzjonijiet kapitali għal Katastrofi tas-Saħħa**

1.9. Fejn ikun neċessarju li tiġi ddeterminata l-kawża ta' xenarju ta' katastrofi fil-kalkoli tar-rekwiżiti kapitali għas-submodulu tar-riskju ta' katastrofi tas-saħħa u fejn l-effetti deskritti fix-xenarji jista' jkollhom kawżi differenti, fil-kalkolu l-impriżi għandhom jużaw il-kawża li tirriżulta fl-ikbar telf ta' fondi proprji bażiċi. B'mod partikolari, l-impriżi ma għandhomx jeskludu x-xenarju fejn uħud mill-

<sup>1</sup> ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48–83

<sup>2</sup> ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1–155

<sup>3</sup> ĠU L 12, 17.01.2015, p. 1–797

kawżi potenzjali tax-xenarju ta' katastrofi jkunu esklużi mit-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza (eż. it-terroriżmu).

## **Linja Gwida 2 – Kalkolu tas-somma assicurata għall-benefiċċji ta' mewt aċċidentali**

- 1.10. Meta kuntratt tal-assigurazzjoni jkun jipprovdi għal benefiċċji f'każ ta' mewt, irrispettivament mill-kawża, u għal benefiċċji addizzjonali f'każ ta' mewt ikkaġunata minn aċċident, l-impriżi għandhom iqisu l-benefiċċji addizzjonali biss meta jikkalkulaw il-valur tal-benefiċċji msemmija fl-Artikolu 161 (3)(b) u fl-Artikolu 162 (4) (c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, diment li l-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati:
- (a) il-benefiċċji jkunu ġew diżaggregati;
  - (b) ir-riskji marbutin mal-benefiċċji f'każ ta' mewt irrispettivament mill-kawża jkunu maqbudin b'mod xieraq fil-modulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja.
- 1.11. Fejn ikun hemm ipprovdu pagamenti tal-benefiċċju rikorrenti addizzjonali f'każ ta' mewta kkaġunata minn aċċident, l-impriżi għandhom jibbażaw il-kalkolu tal-valur tal-benefiċċji pagabbli fuq il-parametri tal-aħjar stima (it-tabella tal-mortalità u l-kurva tar-rata ta' skont) waqt li jqisu karatteristiċi demografiċi rilevanti. L-impriżi għandhom jirriflettu wkoll fil-kalkolu d-durata kuntrattwali tal-pagamenti tal-benefiċċji rikorrenti.
- 1.12. Fejn id-data demografika ma tkunx disponibbli jew fejn din tkun insuffiċjenti, l-impriżi għandhom jużaw suppożizzjonijiet realistiċi dwar il-parametri demografiċi bbażati fuq statistika pubblika jew interna fil-kalkolu tal-valur tal-benefiċċji. L-impriżi għandhom ikunu kapaċi jiġġustifikaw dawn is-suppożizzjonijiet għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja.
- 1.13. Meta jikkalkolaw il-valur tal-benefiċċji, l-impriżi għandhom iqisu ż-żidiet mistennija fl-ammont ta' pagamenti tal-benefiċċju rikorrenti u spejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.

## **Linja Gwida 3 – Kalkolu tas-somma assicurata għall-benefiċċji tad-diżabilità permanenti**

- 1.14. Fejn il-benefiċċji għad-diżabilità jstgħu jitħallsu jew f'pagament wieħed jew f'pagamenti rikorrenti, l-impriżi għandhom isegwu approċċ fi tliet stadji sabiex jiddeterminaw il-valur tal-benefiċċji msemmija fl-Artikolu 161 (3) (b) u fl-Artikolu 162 (4) (c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.
- (a) Stadju 1: jiġi ddeterminat il-proporzjon mistenni ta' pagamenti tal-benefiċċju fil-forma ta' pagament wieħed.
  - (b) Stadju 2: jiġu ddeterminati, għal kull persuna assicurata, il-benefiċċji f'każ ta' pagament wieħed u l-aħjar stima tal-benefiċċji rikorrenti.
  - (c) Stadju 3: tiġi kkalkolata l-medja bejn iż-żewġ valuri ddeterminati fi stadju 2 ippeżata bil-proporzjon ikkalkulat fi stadju 1.

- 1.15. Minkejja l-paragrafu 1 ta' din il-Linja Gwida, meta l-għażla bejn pagament wieħed u pagamenti rikorrenti tkun fid-diskrezzjoni tal-benefiċjarju, l-impriża għandha tuża l-massimu taż-żewġ valuri minflok il-medja peżata.
- 1.16. L-impriża għandhom jiġġustifikaw is-suppożizzjonijiet sottostanti l-kalkolu tal-proporzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1. Fejn l-impriża ma jistgħux jiġġustifikaw il-kalkolu tal-proporzjonijiet għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja, dawn għandhom jikkalkolaw il-valur tal-benefiċċji bħala l-massimu bejn il-pagament wieħed u l-aħjar stima tal-benefiċċji rikorrenti.
- 1.17. Fejn l-ammont tal-pagamenti tal-benefiċċju tad-diżabilità jiddependi mill-grad tad-diżabilità tal-persuni korruti, l-impriża għandhom jikkalkolaw il-valur tal-benefiċċji għall-persuni kollha kif ġej:
- (a) tiġi dderivata distribuzzjoni tal-grad ta' diżabilità fost il-persuni korruti;
  - (b) jiġu kkalkolati l-ispejjeż tal-pretensjoni assoċjati ma' kull grad ta' diżabilità;
  - (c) tiġi applikata kif meħtieġ id-distribuzzjoni tal-grad għall-ispejjeż tal-pretensjoni assoċjati.
- 1.18. L-impriża għandhom jiġġustifikaw is-suppożizzjonijiet sottostanti l-kalkolu tad-distribuzzjoni tal-grad imsemmija fil-paragrafu 4. Fejn l-impriża ma jistgħux jiġġustifikaw il-kalkolu tal-proporzjonijiet għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja, dawn għandhom jużaw għall-persuni assicurati kollha l-ispiża tal-pretensjoni massima għall-grad kollha ta' diżabilità.
- 1.19. Fil-kalkolu tal-aħjar stima tal-pagamenti tal-benefiċċju rikorrenti għat-tip ta' avveniment "Diżabilità permanenti kkaġunata minn aċċident", l-impriża għandhom jassumu li l-pagamenti jsiru tul il-perjodu tal-benefiċċju sħiħ speċifikat fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza, imma li jista' jseħħ ħruġ minħabba mwiet.
- 1.20. Għall-kalkolu, l-impriża għandhom jagħmlu suppożizzjonijiet realistiċi dwar ir-rati tal-mortalità għal persuni b'diżabilità permanenti abbażi ta' statistiċi pubbliċi jew interni. L-impriża għandhom ikunu kapaċi jiġġustifikaw dawn is-suppożizzjonijiet.
- 1.21. Huma u jikkalkolaw il-valur tal-benefiċċji, l-impriża għandhom iqisu ż-żidiet mistennija fl-ammont ta' pagamenti tal-benefiċċju rikorrenti u spejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.

**Linja Gwida 4 – Kalkolu tas-somma assicurata għal diżabilità ta' għaxar snin u benefiċċji tad-diżabilità ta' tnax-il xahar.**

- 1.22. Fejn il-benefiċjarju jista' jirċievi jew pagament wieħed jew pagamenti tal-benefiċċju rikorrenti fil-każ tat-tipi ta' avvenimenti "Diżabilità li ttul 10 snin ikkaġunata minn aċċident" jew "Diżabilità li ttul 12-il xahar ikkaġunata minn aċċident", l-impriża għandhom japplikaw l-istess approċċ kif stipulat fil-Linja Gwida 3.

- 1.23. Fejn l-ammont tal-pagamenti tal-benefiċċju tad-diżabilità jiddependi mill-grad tad-diżabilità tal-persuni korruti, l-impriżi għandhom japplikaw l-istess approċċ kif stipulat fil-Linja Gwida 3, il-paragrafi 4 u 5.
- 1.24. Huma u jikkalkolaw l-añjar stima tal-pagamenti tal-benefiċċju rikorrenti għat-tip ta' avveniment "Diżabilità li ttul 10 snin ikkaġunata minn aċċident" jew "Diżabilità li ttul 12-il xahar ikkaġunata minn aċċident", l-impriżi għandhom jeskludu kwalunkwe kawża ta' ħruġ u jieħdu inkonsiderazzjoni l-pagamenti futuri kollha bejn:
- (a) it-tmiem ta' kwalunkwe perjodu differit;
  - (b) it-tmiem tal-perjodu ta' 10 snin jew ta' 12-il xahar jew, jekk jiġi qabel, it-tmiem tal-perjodu ta' kopertura.
- 1.25. Fil-kalkolu, l-impriżi għandhom iqisu ż-żidiet mistennija fl-ammont ta' pagamenti tal-benefiċċju rikorrenti u spejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.

### **Linja Gwida 5 – Kalkolu tas-somma assicurata għal trattament mediku kkaġunat minn aċċident**

- 1.26. L-impriżi għandhom jikkalkolaw l-ammonti medji fil-każ tat-tip ta' avveniment "Trattament mediku kkaġunat minn aċċident" bħala l-benefiċċji għal trattament mediku kkawżat minn aċċident osservat matul is-snin preċedenti, inklużi spejjeż relatati, diviżi bin-numru ta' pretensjonijiet uniċi li jikkorrispondu għal dawn il-benefiċċji.
- 1.27. L-impriżi għandhom jiżguraw li l-perjodu ta' osservazzjoni jkun twil biżżejjed sabiex jiġu minimizzati l-iżbalji statistiċi.
- 1.28. Għall-kalkolu tal-ammonti medji, l-impriżi għandhom jaġġustaw id-data tal-passat għar-rata ta' inflazzjoni tal-pagamenti mediċi.
- 1.29. Meta trattament mediku jkun mistenni li jdum aktar minn sena, l-impriżi għandhom iqisu r-rata ta' inflazzjoni mistennija tal-pagament mediċi.
- 1.30. L-impriżi għandhom jiddistingwu b'mod xieraq bejn il-benefiċċji mħallsa għal trattament mediku kkaġunat minn aċċident u benefiċċji oħrajn abbażi ta' osservazzjonijiet fil-passat. Fejn ikun meħtieġ, l-impriżi għandhom jikkumplimentaw din l-analiżi b'ġudizzju espert. L-impriżi għandhom jibbażaw l-istimi kollha fuq statistiċi pubbliċi jew interni. L-impriżi għandhom ikunu kapaċi jiġġustifikaw dawn is-suppożizzjonijiet għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja.

### **Linja Gwida 6 – Kalkolu tas-somma assicurata fis-submodulu tar-riskju ta' konċentrazzjoni ta' aċċidenti**

- 1.31. Għall-kalkolu tal-valur tal-benefiċċji msemmija fl-Artikolu 162 (4) (c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom japplikaw l-istess prinċipji kif inhu stipulat fil-Linji Gwida 2 sa 4.
- 1.32. Fejn persuna assicurata tkun koperta b'żewġ kuntratti jew iktar b'pagamenti tal-benefiċċju fil-każ tat-tip ta' avveniment e u li ma jkunux jeskludu lil xulxin,

L-impriżi għandhom jgħoddu flimkien il-pagamenti tal-benefiċċju tal-kuntratti differenti sabiex jiddeterminaw  $SI(e,i)$  kif imsemmi fl-Artikolu 162 (4) (c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

### **Linja Gwida 7 – Kalkolu tal-iskopertura ta' pandemija għal protezzjoni tal-introjt**

1.33. Fejn il-kuntratt jipprevedi pagamenti tal-benefiċċju rikorrenti, l-impriżi għandhom jikkalkolaw l-aħjar stima tal-pagamenti tal-benefiċċju f'każ ta' diżabilità permanenti tax-xogħol ikkaġunata minn marda li tittieħed kif imsemmi fl-Artikolu 163 (2) (b) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, bl-istess mod kif inhu stipulat fil-Linja Gwida 3 għall-aħjar stima tal-pagamenti tal-benefiċċju f'każ ta' avveniment tat-tip "Diżabilità permanenti kkaġunata minn aċċident".

### **Linja Gwida 8 – Kalkolu tal-aħjar stima tal-ammonti ta' spejjeż mediċi**

1.34. L-impriżi għandhom jikkalkolaw l-aħjar stima tal-ammonti pagabbli għall-użu tal-kura tas-saħħa  $h$  kif imsemmi fl-Artikolu 163 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni bħala l-prodott ta':

(a) in-numru mistenni ta' trattamenti tal-kura tas-saħħa  $h$  għal persuna assicurata;

(b) l-ispiża medja tal-pretensjoni mistennija għal trattament wieħed tal-kura tas-saħħa  $h$

fejn in-numru mistenni ta' trattamenti tal-kura tas-saħħa mill-inqas ikollu valur ta' 1.

1.35. L-impriżi għandhom jagħmlu stima preċiża, abbażi tal-esperjenza proprja tagħhom, ta':

(a) in-numru mistenni ta' użijiet ta' kull trattament tal-kura tas-saħħa  $h$ ;

(b) l-ispiża medja tal-pretensjoni għal użu wieħed ta' kull trattament tal-kura tas-saħħa  $h$ .

1.36. Fejn l-impriżi jistgħu jiġġustifikaw li l-esperjenza tal-passat ma tippermettix li ssir stima preċiża, għan-numru mistenni ta' trattamenti tal-kura tas-saħħa huma għandhom jużaw valur ta' 1 għat-tip ta' użu tal-kura tas-saħħa "Żmien fl-isptar" u "Ebda kura medika formali mfittxija" u valur ta' 2 għat-tip ta' użu tal-kura tas-saħħa "Konsultazzjonijiet ma' tabib ikkwalifikat".

1.37. L-impriżi għandhom jaġġustaw l-istima tal-ispiża medja tal-pretensjoni għar-rata tal-inflazzjoni tal-pagamenti mediċi, u jekk ikun meħtieġ jikkomplimentawha b'ġudizzju espert. Il-perjodu ta' osservazzjoni għandu jkun twil biżżejjed sabiex jiġu evitati żbalji statistiċi.

## **Regoli ta' Konformità u ta' Rappurtar**

- 1.38. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġin taħt l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.
- 1.39. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jinkorporawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.
- 1.40. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk humiex konformi jew humiex beħsiebhom ikunu konformi ma' dawn il-Linji Gwida, bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mill-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.
- 1.41. Fin-nuqqas ta' rispons sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu nonkonformi mar-rappurtar u jiġu rrapportati bħala tali.

## **Dispożizzjoni Finali dwar ir-Rieżamijiet**

- 1.42. Il-Linja Gwida preżenti għandhom ikunu soġġetti għal rieżami mill-EIOPA.